# Awtur tal-Baħar

Dalgħodu mxejt nervuż għall-aħħar darba
fix-xtajta fejn trabbejt f'destin imqanqal,
fejn drabi rqadt u ħlomt ħolm is-sereni,
fejn kbirt bla ntbaħt u doqt kull kelma mielħa
fejn ksibt mas-sħab u smajt rakkont il-gawwi,
fejn bkejt bla dmugħ u ħasel wiċċi l-baħar,
fejn spiss rassejt kull nifs, żammejt b'tifkira
ballata ta' l-imħabba.

U llejla reġa' żmien biex nerġa' nitlaq
nitbiegħed mid-dawl kiebi tal-lanterna
u nsalpa minn dal-post mal-mewġ tas-sekli.
U nbaħħar lejn lil hinn, lejn il-misteri,
nivvjaġġa mar-riħ kiesaħ ta' l-imgħoddi
u nsegwi l-kewkba bogħod tat-tramuntana
biex ngħib u ħadd ma jsibni.

U jekk xi jum tistaqsu x'ġara minni
tinsewx li jiena fosfru luminanti
ta' ljieli ħosbenin u solitarji,
tinsewx li jiena karba kommoventi
li tidwi mas-sisien fil-maltempati,
tinsewx li jiena mewġa silenzjuża
li tiżfen ballu wieħed kull mitt sena,
tinsewx li jiena awtur ta' dan il-baħar
li jikber bla jixjieħ u jgħix għal dejjem.

*Charles Bezzina*
25.10.98